# drumMUSTER jagħmilha faċli

**Huwa faċli li tagħmel riċiklaġġ mill-kontenituri kimiċi eliġibbli tal-farm tiegħek b'drumMUSTER – kull m'għandek tagħmel huwa li timxi ma' dawn il-passi sempliċi:**



✓ Laħlaħ tliet darbiet jew bil-pressjoni ta' l-ilma l-kontenituri kimiċi ***DRITT*** wara li tużahom



✓ Itfa' l-***ILMA LI TLAĦLAĦ*** bih mill-ġdid fit-tank ta' l-isprej tiegħek

✓ Kun żgur/a li l-fdalijiet kimiċi ***KOLLHA*** jitneħħew



✓ ***NEĦĦI L-GĦOTIEN*** biex tippermetti l-kontenituri tiegħek ***JINXFU*** sewwa. Ħu l-għotien ***SEPARATAMENT*** biex jinġabru



✓ Kontenituri tal-metall għandhom ikunu ***MTAQQBA*** minn fuq għal isfel



✓ ***ĦU*** l-kontenituri battala u nodfa eliġibbli għand drumMUSTER fiċ-ċentru fejn jinġabru fil-lokal tiegħek

**Għal dettalji dwar ġbir ta' kontenituri minn drumMUSTER fil-lokal tiegħek ikkuntattja lill-Kunsill lokali tiegħek jew ara l-websajt ta' drumMUSTER f':**

**www.drummuster.com.au**

**drumMUSTER**

simple_steps_final_draft_MALTEASE.indd 1 12/5/2006 11:00:31 AM

# *Pariri dwar tindif*

Dawn il-pariri li ġejjin jgħinuk tiżgura li l-kontenituri kimiċi eliġibbli tal-farm tiegħek li jkunu diffiċli biex jitnaddfu jkunu aċċettati għal riċiklaġġ fiċ-ċentru ta' *drumMUSTER* fejn jinġabru fil-lokal tiegħek.












## Prodott ta' likwidu kkonċentrat
(Atrazine, Simazine, eċċ)

- ✓ Laħlaħ il-kontenitur tiegħek mill-ewwel wara li tużah biex tiżgura li kull fdalijiet kimiċi ma jinxfux
- ✓ Uża spirti metiliċi (methylated) biex tneħħi fdalijiet niexfa. Jekk dan ma jaħdimx, imla l-kontenitur bl-ilma u ħallih bl-ilma għal ta' lanqas 24 siegħa qabel tlaħalħu.

## Kimiċi bbażati miż-żejt
(ULVs - Ultra Low Volume, LVs - Low Volume)

- ✓ Imxi ma' l-istruzzjonijiet speċifiċi fuq it-tikketta tal-prodott jew ikkuntattja l-manifattur għal aktar għajnuna

## Fdalijiet kimiċi oħra

- ✓ Laħlaħ il-kontenitur mill-ewwel wara li tużah billi l-fdalijiet kimiċi kollha jkunu aktar diffiċli biex tneħħihom meta jkunu niexfa
- ✓ Xi kontenituri jista' jkollhom bżonn li jkunu mlaħalħa aktar (aktar minn tliet darbiet)
- ✓ Broxk jew hose bi pressjoni qawwija ta' ilma jista' jkun meħtieġ biex jitnaddfu fdalijiet kimiċi diffiċli jew niexfa

✓ **KONTENITURI ELIĠIBBLI MAĦMUĠA, BIS-SADID U BI TBAJJA TA' ŻEBGĦA M'ĦUMIEX IKKUNSIDRATI BĦALA PERIKOLUŻI U GĦALHEKK HUMA AĊĊETTATI F'ĊENTRI TA' *drumMUSTER* FEJN JINĠABRU**

Għal aktar informazzjoni dwar tindif ta' kontenituri kkuntattja lil Agsafe li jbiegħu kimiċi tal-farm u huma akkreditati fil-lokal tiegħek jew ara

www.drummuster.com.au

**drum**MUSTER

simple_steps_final_draft_MALTEASE.indd 2 12/5/2006 11:00:31 AM